# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT
## DR. JOSEPH GATT LL.D.

**Udjenza ta' nhar il-Ħamis, 19 ta' Settembru 2024**

**Kawża Nru: 13/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Francesco Mizzi)**

**vs**

**David Mifsud (K.I. 63370M)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuża miġjuba fil-konfront ta' David Mifsud, mwieled fit-30 ta' Jannar, 1970 Sliema, iben Joseph u Dorothy nee Camilleri, detentur tal-Karta tal-Identità nru 63370MM u residenti 93, Gardell, Fl 1, Triq ix-Xitwa, San Pawl il-Bahar u ċioé:

*Akkużat meta b'diversi atti magħmulin minnek ukoll jekk fi żminijiet differenti, kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi, u kienu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda nhar it-18 ta' Novembru 2021 u/jew fil-*

*ġimgħat u/jew ix-xhur preċedenti bħala sid il-kera jew amministratur tal-fond 347, David, Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar':*

1. *Naqas li jirreġistra il-kirja ta' l-imsemmi fond lil Celia Rose Hughes ma' l-Awtorita tad-Djar u dan bi ksur ta' l-Artikolu 3, 4 u 4(2) tal-Kaptiolu. 604.*

*Ghaldaqstant, il-Qorti hija mitluba bir-rispett tordna lill-ħati, ai termini tal-Artikolu 22(1) tal-Kap 604 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Rat dak li seħħ fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2024[1].

Semgħet ix-xhieda ta' Celia Rose Hughes[2] u Chris Casha[3], rappreżentant tal-Awtorità tad-Djar u d-dokumenti minnhom eżebiti.

Semgħet ix-xhieda in kontro-eżami ta' Celia Rose Hughes[4].

Semgħet it-trattazzjoni finali da parti tal-prosekuzzjoni u tad-difiża[5].

Rat dak li seħħ fis-seduta tas-27 ta' Ġunju 2024[6], fejn is-sentenza ma setgħetx tingħata għaliex l-imputat ma deherx. Dakinhar il-kawża kellha terġa titħalla għas-sentenza għal-lum.

Rat l-atti proċesswali kollha.

**Ikkunsidrat**

---

[1] Verbal relattiv jinsab a fol 4 *et seq* tal-proċess.
[2] Xhieda relattiva tibda a fol 29 tal-proċess.
[3] Xhieda relattiva tibda a fol 38 *et seq* tal-proċess.
[4] Xhieda relattiva tibda a fol 44 tal-proċess.
[5] Debitament reġistrata u traskritta. Din tibda a fol 51 *et seq* tal-proċess.
[6] Verbal relattiv jinasb a fol 58 tal-proċess.

**Fatti**

Illi din il-kawża titratta allegat nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' kirja privata skond kif rikjest mill-Kapitolu 604 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi f'dawn il-proċeduri, xehdet l-allegata inkwilina Celia Rose Hughes. Imressqa mill-Prosekuzzjoni[7] tgħid li kienet iffirmat kuntratt fis-sena 2011 ma ċertu David Mifsud li deher għan-nom ta' Joseph Mifsud. Tikkonferma l-firma tagħha fuq l-istess kuntratt. Tispjega li inizjalment il-ħlas tal-kera kien isir lill-akkużat u dan sakemm ċertu Joseph Mifsud kien l-isptar. Wara xi ftit, il-ħlas tal-kera beda jsir lil dan Joseph Mifsud li infurmaha li kien hu s-sid tal-propjetà. Tgħid li mbagħad kienet tiffirma persuna oħra fuq il-ktieb tal-kera, li estratt minnu ġie wkoll eżebit. Lejn l-aħħar tal-kera (hija damet hemm xi ħdax il-sena), ġie infurmata minn Joseph Mifsud sabiex titlaq mill-fond. Hija ħejjiet rapport mal-Awtorità tad-Djar għaliex kienet ingħatat biss tlett ġimgħat minn Joseph Mifsud sabiex titlaq u ħassitha urtata dwar dan l-atteġġjament. In kontro-eżami[8] tgħid li sa fejn taf hi taqbel li Joseph Mifsud jiġi ħu David Mifsud. Għall-maġġoranza tal-kirja kien Joseph Mifsud li kien jieħu ħsieb il-ħlas tal-kera. Tgħid li l-kuntratt eżebit kien l-unika wieħed bil-miktub. Kien Joseph Mifsud li qalilha biex titlaq u mhux l-akkużat. Finalment tagħlaq billi tgħid li hija telqet mill-fond fis-sena 2022 u li l-kuntratt eżebit kien wieħed intier.

Illi f'kontro-eżami ulterjuri[9] tikkonferma li kien Joseph Mifsud li kien jieħu ħsieb il-kera mis-sena 2020 l'hemm. Tgħid li l-firma fuq l-irċevuti ma kienux dejjem ta' Joseph Mifsud imma kienu wkoll ta' xi persuna oħra. Però tgħid li mis-sena 2020 kien dejjem jieħu ħsieb Joseph Mifsud. Dwar il-firma ta' Lulju 2020 ma tafx

[7] Seduta tal-25 ta' Jannar 2024 u xhieda tibda a fol 29 tal-proċess.
[8] Mwettaq fl-istess seduta u jibda a fol 34 tal-proċess.
[9] Mwettaq fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2024 u jibda a fol 44 tal-proċess.

tgħid ta' min hi. Tgħid li hi ilha ma tara lill-akkużat xi tmien snin qabel ma telqet mill-fond.

Illi xehed ukoll Chris Casha, rappreżentant tal-Awtorità tad-Djar. Imressaq mill-Prosekuzzjoni[10] jispjega li huwa jaħdem fis-sezzjoni tal-infurzar fi ħdan l-Awtorità tad-Djar. Ġiet eżebita dokumentazzjoni inkluż ir-rapport, korrispondenza elettronika, kuntratt kif ukoll rċevuti tal-kera. Ir-rapport kien daħal fit-18 ta' Novembru 2021 u jikkonferma li dan sar fuq il-kuntratt fejn deher David Mifsud għan-nom ta' ċertu Joseph Mifsud. Wara dan il-kuntratt ma sarx ieħor iżda l-kera baqgħet isseħħ skond l-irċevuti tal-ktieb tal-kera relattiv. F'Ottubru tas-sena 2021 Joseph Mifsud kien informa lill-inkwilina li l-kirja kienet sejra tispiċċa. Mir-riċerki li saru rriżulta li l-kirja qatt ma ġiet reġistrata. In kontro-eżami[11] jgħid li hemm qbil li l-kuntratt sar qabel l-obbligu ta' reġistrazzjoni, iżda jgħid li l-kirja baqgħet għaddejja anke wara li kien ġie promulgat dak l-obbligu legali. Jaqbel li l-akkużat deher għan-nom ta' Joseph Mifsud. Jaqbel ukoll li l-ħlas kien isir lil dan Joseph Mifsud. Huma straħu fuq ir-rapport sabiex imexxu b'dawn il-proċeduri.

**<u>Mertu</u>**

Illi għal dak li għandu x'jaqsam mal-aspett legali ta' din il-kwistjoni, din il-Qorti hija tal-istess opinjoni mal-ġurisprudenza li tgħid li dan ir-reat għandu jitqies bħala wieħed li jidħol fih il-prinċipji mħaddna ta' *strict liability*[12].

Illi mill-ewwel jingħad li dak sejjer issa jiġi deċiż m'għandux ifisser li din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tad-difiża fir-rigward tal-fatt li jekk kuntratt huwa null, u allura ma jkunx jista' jiġi reġistrat, ifisser li ma jistax ikun hemm reat skond l-

[10] Xhieda mwettqa fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2024 u tibda a fol 38 tal-proċess.
[11] Imwettaq fl-istess seduta u jibda a fol 39 tal-proċess.
[12] Fost diversi, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti, diversament preseduta, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs James Sammut *et,*</u>** mogħtija nhar is-27 ta' Marzu 2023. Għal dak li jiswa mbagħad, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tagħha fl-ismijiet **<u>The Police vs Maruizio D'Apice,</u>** deċiża nhar is-27 ta' Ottubru 2023 (mhux appellata)

artikolu 22(1) tal-Kapitolu 604 tal-Liġijiet ta' Malta[13]. Kull każ għandu l-fattispecie tiegħu.

Illi fit-tieni lok din il-Qorti ssib li l-obbligu ta' reġistrazzjoni kien ukoll neċessarju fir-rigward tal-kuntratt mertu ta' dan il-proċediment. L-artikolu 5(1) tal-Kapitolu 604 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

> *Kirjiet residenzjali privati li saru wara l-1 ta' Ġunju, 1995,imma qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att, u li xorta jibqgħu fis-seħħfl-1 ta' Jannar, 2021, kemm jekk fit-terminu oriġinali jew imġedded tagħhom, għandhom jiġu rreġistrati: Iżda l-obbligu tar-reġistrazzjoni għandu japplika wkoll għal kwalunkwe kirja li tiġġedded wara l-1 ta' Jannar, 2021.*

Illi fil-każ odjern irriżulta li, għad li l-kuntratt ġie mħejji u ffirmat fis-sena 2011, d-durata tiegħu (jew tal-kirja) baqa' jipperdura wara s-sena 2021 u għalhekk, skond l-artikolu hawn fuq ċitat, kien hemm obbligu li dan jiġi reġistrat. Huwa minnu li ċ-ċitazzjoni semmi biss l-artikolu 4 tal-Kapitolu 604 tal-Liġijiet ta' Matla iżda dan waħda m'huwiex biżżejjed sabiex ma tinstabx ħtija[14]. Il-kwistjoni f'dan il-każ hija oħra.

Illi ġaladarba l-leġislatur għażel li dan it-tip ta' nuqqas (għal dak li għandu x'jaqsam mal-artikolu 22 tal-Kapitolu 604 tal-Liġijiet ta' Malta) għandu jiġi eżaminat fil-qafas tal-kamp kriminali, huma r-regoli tal-istess li għandhom jiġu applikati (għad-differenza per eżempju li kieku dan in-nuqqas kellu jiġi eżaminat

---

[13] Il-Qorti tifhem li dan ir-raġunament ġie magħmul fuq is-saħħa tas-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Ruth Vella Galea,** (App Nru: 3/2022) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-12 ta' Diċembru 2022. Kull każ għandu l-fattispecie tiegħu, kif jixhed dak deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Manuela Tabone Micallef,** deċiża minn din il-Qorti (diversament preseduta) nhar il-14 ta' Lulju 2023.

[14] Ara sa fejn hekk applikabbli dak raġunat u deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marvin Speranza,** (App Nru: 401/2017 mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kirminali (Sede Inferjuri) nhar il-10 ta' Diċembru 2019.

fil-kamp tal-liġi amministrattiva). B'hekk hija l-prosekuzzjoni li għandha tipprova dak allegat minnha, u dan lill'hemm minn kull dubju dettat mir-raġuni[15]. Naturalment, dak id-dubbju m'għandux ikun wieħed assolut, iżda għandu jkun wieħed kalibrat b'tali mod li mhux kull dubbju għandu jfisser awtomatikament li xi imputat jiġi liberat, iżda dak id-dubju għandi jkun wieħed persisenti[16].

Illi d-diffikultà li rriskontrat din il-Qorti f'dan il-każ (u sar anke aċċenn għal dan mid-difiża, għalkemm xi argumenti oħra ġew riġettati kif ntqal hawn fuq), hija li l-liġi kriminali timponi dover fuq is-sid jew l-amministratur tal-propjetà l-obbligu li jirreġistra xi kirja relattiva. Issa, dan l-obbligu twieled mal-miġja tal-Kapitolu 604 tal-Liġijiet ta' Malta li kif rajna, għandu wkoll dispożizzjoni transitorja f'kuntratti bħal dak mertu ta' dan il-proċediment. Jibqa' l-fatt li huwa s-sid jew l-amministratur li għandu l-obbligu legali tar-reġistrazzjoni.

Illi mill-provi jirriżulta li David Mifsud, l-akkużat, deher biss bħala rappreżentat ta' Joseph Mifsud u mhux bħala sid il-kera. Jekk huwa minnu (u anke hawnhekk il-Qorti għandha d-dubji tagħha) li kien dejjem u biss il-kuntratt ta' kera tas-sena 2011 li baqa' jiġi mġedded, allura għal din il-Qorti l-obbligu semmai kien fuq Joseph Mifsud u mhux fuq l-akkużat. Apparti l-kuntratt, irriżulta ċar mix-xhieda tal-inkwilina li fil-fatt kienu nies oħra, wara l-ewwel sena, li ħadu ħsieb il-ħlas tal-kera. Kien Joseph Mifsud li fl-aħħar mill-aħħar qal lill-inkwilina li kien sid il-fond u kien hu biss li infurmaha li din il-kirja kienet sejra tispiċċa. Ir-relazzjoni,

---

[15] Fost diversi, wieħed huwa mistieden jara dak raġunat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Li Tao,** (App Nru: 28/2020) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali, nhar il-15 ta' April 2021.

[16] f'dan is-sens il-Qorti tagħmel referenza għal dak ġustament raġunat fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Neil Falzon,** (App Nru: 851/2015) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) nhar it-23 ta' Marzu 2023 fejn ġie mfakkar hekk: *"U huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq irraġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih".*

fiż-żmien temporali tal-akkuża[17] ma kienitx mal-akkużat. L-akkużat, għajr li deher għan-nom ta' Joseph Mifsud fil-kuntratt tas-sena 2011, m'għandu x'jaqsam xejn ma din il-kirja. Allura, fil-fehma tal-Qorti, l-akkuża kellha tinħareġ fil-konfront ta' persuna oħra u mhux kontra l-akkużat attwali.

Illi b'mod konkludorju mbagħad, jiġi mfakkar li dak kontenut fir-rapport, mingħajr konferma bil-ġurament tal-allegata "vittma", ftit li xejn għandu valur probatorju[18]. Fil-każ tagħna, il-vittma kienet ċara li l-amministratur tal-kirja (fiż-żmien l-obbligu legali tar-reġistrazzjoni) ma kienx l-akkużat.

**Konklużjoni**

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda ssib lill-imputat mhux ħati u konsegwentement tilliberah mill-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u minn kull piena.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur

---

[17] Ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Sacha Said,</u>** mogħtija minn din il-Qorti kif hemm preseduta nhar il-10 ta' Ottubru 2022.

[18] Fost diversi, Il-Qorti tagħmel referenza għal dak raġunat u deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi,</u>** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-24 ta' Ottubru 2011. Issir referenza wkoll għal dak li ġie enunċjat fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Fabio Schembri</u>**, mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-1 ta' April 2011.